MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 225/2003

**Mary Rose sive Mary Falzon Sant Manduca**

**vs**

**Mario Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' April tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jizgombra mill-hanut immarkat b'ittra "B" fil-blokk numru 64, Tower Road, Sliema u mill-basement ta' l-istess blokk flats, liema hanut u basement huwa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-istess attrici;**

**3. Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000);**

**Semghet ix-xhieda tal-konvenut li ammetta t-talbiet kontenuti fl-avviz odjern;**

**Stante l-ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Mario Grima biex jizgombra mill-fond indikat bl-ittra "B" fil-blokk numru 64, Tower Road, Tas-Sliema u mill-"basement" ta' l-istess blokk stante li qed jokkuphom minghajr titolu validu fil-ligi u dan, fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------